# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 2177/98/SM**

**Philip Amato Gauci, Marie Therese mart il-Brigadier Arthur Gera u Giovanna mart Anthony.**

**vs**

**Angelo Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Fi zmien qasis u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-istess Qorti, jizgombra l-ambjenti kollha tal-porzjoni ta' art gewwa l-limiti ta' l-Mgarr, maghrufa bhala "Xghara ta' Rghad" cioe' ta' dik il-parti diviza ta' l-imsemmija**

porzjon ta' art li tappartjeni lill-atturi u tigi definittivament inibit mill-taccedi ghal/jew taghmel uzu mill-istess porzjoni ta' art jew ambjenti taghha dan peress illi hu qieghed jokkupa u jaccedi ghall-imsemmija prozjoni ta' art u/jew certi ambjenti taghha minghajr ebda titolu fil-ligi u minghajr il-kunsens anzi nonostante l-oppozizzjoni espressa tal-atturi;

2. B'riserva ta' kull azzjoni komriza tad-danni;

3. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Settembru 1998;

4. Il-konvenut ingunt ghall-injunzzjoni;

Ghal fini tal-kompetenza huwa dikjarat illi l-valur lokatizju tal-ghalqa huwa inferjuri ghas-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin Lira Maltin, (LM251.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet datata z-17 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-art mertu ta' l-Avviz;

2. Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante l-eccipjenti ghandu titolu validu fil-ligi fuq dik l-art;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-porzjoni art meritu ta' din il-procedura;**

2. **Illi l-konvenut jirrizulta li kien fil-proprjeta' de quo pero' ma jirrizultax li pprova xi forma ta' titolu fir-rigward;**

3. **Illi l-porzjoni art meritu ta' din il-procedura gie debitament identifikat mill-perit tekniku innominat ghal dan il-ghan;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti sodisfatta mill-fatt li l-konvenut m'ghandu l-ebda titolu li permezz tieghu jista' jopponi din il-procedura allura tirrespingi l-eccezzjonijiet tieghu u filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici tordna li Angelo Agius jizgombra l-porzjon art maghrufa bhala Xghara ta' Rghad fil-limiti ta' l-Imgarr, fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**